**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Frar 2002**

**Numru 10**

**Avviz numru 1677/01**

**Maltacom p.l.c**

**vs**

**Jason u Antoinette konjugi Mifsud**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm371.56 (tlett mija wiehed u sebghin Liri Maltin sitta u hamsin centezmi) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattiv ghall-linja bin-numru 226181 u dana skond il-ftehim relattiv kif ukoll skond ir-regoalmenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Maltacom plc;

Il-konvenuti gew interpellati biex ihallsu izda baqghu inadempjenti;

Is-socjeta attrici talbet ukoll li flimkien mas-sorte l-konvenuti jkunu ikkundannati jhallusha wkoll l-imghax legali u l-ispejjez tal-proceduri de quo;

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut minn Dr Aaron Bugeja bil-gurament tieghu;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm371.56 (tlett mija wiehed u sebghin Liri Maltin sitta u hamsin centezmi) ghal servizz telefoniku. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**